# L-Inawgurazzjoni u t-Tberik tal-Parti l-Ġdida taċ-Ċimiterju *Mater Dolorosa* u t-Tnedija tal-Proġett taċ-Ċentru Parrokkjali

**Nhar il-Ħadd 4 ta' Novembru 2001 jibqa' mmarkat bħala jum importanti fl-Istorja tal-Parroċċa ta' Ħad-Dingli. Dakinhar, ir-residenti ta' din il-parroċċa laqgħu l-istedina tal-kappillan u l-kleru u attendew bi ħġarhom għall-inawgurazzjoni u t-tberik tal-parti l-ġdida taċ-Ċimiterju *Mater Dolorosa*. Mario Micallef ifakkarna f'din l-okkażjoni li fi tmiemha tnieda proġett mill-aktar ambizzjuż, dak tal-bini taċ-Ċentru Parrokkjali.**

Iċ-ċelebrazzjoni bdiet kmieni wara nofsinhar b'pellegrinaġġ marjan madwar l-istatwa tal-Madonna ta' l-Erwieħ li nħarġet min-niċċa għal din l-okkażjoni speċjali. Mal-wasla fiċ-ċimiterju ngħata bidu għall-quddiesa mmexxija mill-Kappillan Dun Trevor Fairclough. Fil-pellegrinaġġ u l-quddiesa ħadu sehem ukoll il-fratellanzi tal-Madonna tar-Rużarju u dik tas-Santissimu Sagrament, l-abbatini u l-Kor Parrokkjali *Regina Coeli*. Fi tmiem il-quddiesa, wara li tbierku l-oqbra tal-parti l-qadima taċ-ċimiterju, dawk preżenti mxew lejn il-parti l-ġdida fejn saret ċelebrazzjoni speċjali li fiha tbierku l-oqbra l-ġodda. Il-proġett tat-tkabbir taċ-ċimiterju, li dwaru jkollna ċans nitkellmu fid-dettall f'ħarġiet oħra ta' din il-publikazzjoni annwali, beda f'Ottubru ta' l-1999 meta ngħata bidu għat-tqattigħ tal-blat. Il-Perit Joseph Agius Bonello ħa ħsieb il-proġett sakemm inġiebu l-permessi kollha meħtieġa, waqt li x-xogħlijiet saru taħt is-superviżjoni tal-Perit Godwin J. Aquilina.



*Mument waqt il-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna ta' l-Erwieħ.*

Fi tmiem ir-rit tat-tberik, il-kappillan stieden lill-miġemgħa biex timxi lejn is-sala li nbniet ħdejn iċ-ċimiterju fejn kien imniedi l-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali. Hawnhekk sar diskors ta' l-okkażjoni minn Dun Ġwann Abela, li ta ħarsa lejn in-numru ta' proġetti kbar li daħlet għalihom il-parroċċa matul dan l-aħħar seklu, b'enfasi partikulari fuq il-bini taċ-ċimiterju, in-navi, faċċata ġdida għall-Knisja Parrokkjali, il-bini tal-koppla, u t-tkabbir taċ-ċimiterju. Dun Ġwann Abela saħaq li dawn il-proġetti għandhom iqawwu qalb u jimlew bil-kuraġġ lill-kommunita' nisranija ta' Ħad-Dingli fit-twettieq tal-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali.

Il-Kappillan Dun Trevor Fairclough ħabbar li x-xewqa tal-poplu ta' Ħad-Dingli, li jkollu ċentru bil-faċilitajiet adekwati għaż-żminijiet tal-lum biex jaqdi l-ħtiġijiet tal-parroċċa ser issir realtà. Hawnhekk hu ħabbar li l-parroċċa kellha l-permessi kollha meħtieġa biex jingħata bidu għall-bini ta' Ċentru Parrokkjali fuq biċċa art li tinsab fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq San Pawl. Minbarra li l-Kappillan Fairclough tkellem fid-dettall dwar kif ser ikun imqassam dan il-proġett, fis-sala ttellgħet esebizzjoni tal-pjanti kif iddisinjati mill-Perit Joseph Magro.



*Il-miġemgħa waqt il-quddiesa fil-parti ta' quddiem il-kappella ewlenija taċ-Ċimiterju.*



*Il-Kappillan Dun Trevor Fairclough imexxi r-rit tat-tberik ta' l-oqbra l-ġodda.*

Dun Trevor Fairclough stqarr li kulħadd jifhem il-ħtieġa ta' dan il-proġett u ħeġġeġ lil kulħadd biex jikkontribwixxi mill-aħjar li jista'. Għal dan il-għan, il-kappillan ħabbar skema fejn bil-għajnuna ta' numru ta' voluntiera se jinġabru Lm 2 fix-xahar mingħand kull familja residenti f'Ħad-Dingli. Kien ġest verament f'waqtu dak tal-Kumitat Festa Esterna li f'din l-okkażjoni, li hu kien fdat bl-organizazzjoni tagħha, offra donazzjoni ta' Lm 200 lill-kappillan biex tintuża għal dan il-proġett ambizzjuż.


# Demicoli Garage

## Wedding Limousine and Taxi Service

*For booking: Demicoli Garage 200, Triq il-Merill, Dingli.*
*Tel: 21451361 Mobile: 9944 0500 Mon - Fri: 5.00 p.m. till 8.30 p.m.*



*Classic models, with four doors allowing you all the comforts on your special day.*

★

*Other cars available for you to choose from including Mercedes with very special prices.*

★

*Free champagne*